**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta’ nhar it-Tnejn, 28 ta’ Mejju 2018**

**Talba Nru: 546/17 CZ**

**Favell Wines and Spirits Limited**

**vs.**

**Joseph Bongailas**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta’ attrici mressqa fl-4 ta’ Dicembru 2017 fejn talbet lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont ta’ elf, hames mija u sitta w tmenin Euro u

hamsin centezmu (€1,586.50), dovuti ghal merkanzija mibjugha u konsenjata gewwa Friendly Bar (ara statement Dok. A). Bl-ispejjez, inkluz ta' l-ittra interpellatorja tat-12 ta' Novembru 2016, ta' l-ittra ufficcjali mahruga skond l-Artikolu 166A tal-Kap. 12, numerata 2388/16 u bl-imghax legali mid-19 t'Awwissu 2016, data ta' l-ahhar invoice sa l-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

It-Tribunal;

Ra l-atti;

Ra illi fis-seduta tas-sittax (16) ta' Mejju 2018 is-socjeta' attrici prezentat nota ta' riduzzjoni li biha naqqset l-ammont mitlub ghal dak ta' elf, erba' mija u sitta u tmenin Euro u hamsin centezmu (€1,486.50).

Ra wkoll illi fl-istess seduta tas-sittax (16) ta' Mejju 2018, deher il-konvenut, mhux assistit, li ammetta t-talbiet tas-socjeta' attrici in kwantu ghas-sorte rimanenti.

Ra illi din il-kawza giet differita ghas-sentenza ghal-lum.

Illi mill-ammissjoni tal-konvenut, it-talba kif dedotta tirrizulta pruvata.

Fuq ammissjoni tal-konvenut, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' limitatament it-talba tas-socjeta' attrici, u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta'

elf, erba' mija u sitta u tmenin Euro u hamsin centezmu (€1,486.50), bl-imghaxijiet legali kif mitluba. L-ispejjez kif mitluba jithallsu kollha mill-konvenut.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

**Mary Josette Musu'**

**Deputat Registratur**